MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2009

Numru 78/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Versus**

**Anthony Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anthony Abela ta’ 41 sena, iben KArmenu u Melita nee Gauci, imwieled il-Pieta’ fil-21 ta’ Ġunju, 1958 u joqgħod Myha House Triq tal-Borg Raħal Ġdid u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 440358(M) u nakkużah talli f’dawn il-Gżejjer fil-15 ta’ Jannar 2000, f’Ħ’Attard u f’din l-aħħar sena qabel dina d-data

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

(c) talli għamel reżistenza għall-arrest, meta ġie mwissi għal bosta drabi mill-Pulizija bl-uniformi, b'użu ta' arma mhix regolari (tornavit) bi skur tal-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-4 t'April 2000 (fol.4), iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 4403 tal-1958, il-fedina penali tiegħu (fol.6 sa 27), l-istqarrija tal-imputat (fol.29), u l-proċes-verbal redatt mill-Maġistrat Dr.G.Grixti (fol.48) u ntitolat ' Inkjesta dwar sejba ta; oġġetti in konnessjoni ma' droga f'Ħal-Balzan fil-15 ta' Jannar 2000' **u l-ammissjoni li għamel l-imputat limitata għall-imputazzjoni (ċ) biss fid-29 ta' Frar 2008 liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha. (Fol. 106)**

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Xhieda Prosekuzzjoni.

Il-Fatti.

Skond ix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud, il-Pulizija kienet għamlet tfittxija ġewwa Ħal-Balzan, huma kellhom isejħu l-għajnuna tal-Mobile Squad. L-imputat ħareġ b'oġġett f'idejh u l-Pulizija ordnatlu biex iwaqqa' dak li kellu f'idejh. (Fol 33). Meta ġibdulu l-pistoli fuqu, l-imputat uriehom li kien tornavit. Ġewwa sabu ż-żagħżugħ David Zammit b'ċintorin illupjat fuqu nnifsu u b'għadd ta' siringi fl-art. David Zammit kien qal li kien l-imputat li xtralu d-droga u li kien għenu biex jeħodha.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ma wieġeb għall-ebda domanda.

PS 1021 Joseph Urpani kkonferma bil-ġurament li meta kienet ser issir it-tfittxija l-imputat kien ħareġ għalihom b'turnavit. (Fol.37). Huwa kien qal lill-imputat biex ineħħih.

PC1563 Martin Micallef xehed li meta marru fuq il-post Ħal-Balzan, il-bieb ma nfetaħt mill-ewwel. (Fol. 40). F'idejn l-imputat kien hemm turnavit. L-imputat ma

neħħiex it-turnavit mal-ewwel u kellhom jgħidulu tliet darbiet. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma ndunax fejn kienu l-affarijiet relatati mad-droga.

**L-Istqarrija ġuramentata ta' David Zammit**

Fil-proċes verbal redatt mill-Maġistrat Dr.G.Grixti, hemm annessa l-istqarrija ġuramentata li kien ta David Zammit (ID 30882(M)) quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.
Fix-xhieda ġuramentata tiegħu David Zammit qal li f'Awwissu tas-sena 1999 huwa sar jaf lill-imputat u David Zammit kien talab lill-imputat imur jixtrilu d-droga għax hu (David Zammit) ma kienx jaf minn fejn jixtri d-droga. David Zmmit kien ta lill-imputat għaxar liri u l-imputat kien mar iġiblu pakkett. Kien marru ġewwa għalqa f'San Ġwann u qasmu l-pakkett. Kien l-imputat li sajjar id-droga. Kien fl-aħħar ġimagħtejn li dan ix-xhud beda jieħu d-droga kull jum għalkemm ġieli ma ħa xejn. (fol.61). Fl-aħħar erba' xhur dejjem kien ħa d-droga mal-imputat u fl-aħħar ġimagħtejn kien ħa kull jum. L-aħħar darba li kien ħa kien fil-jum meta sar l-arrest mill-Pulizija. Kien ta l-flus lill-imputat (Lm10). Kien iltaqa' mal-imputat u x-xhud kien talab lill-imputat jixtrilu l-ismack. Wara kwarta li x-xhud kein l-flus lill-imputat, dan tal-aħħar ġie lura u marru fid-dar tal-imputat. Fid-dar sajru d-droga u ħaduha. L-imputat kien iżomm is-siringi mal-art. L-imputat kien juża l-bottijeit tla-Ice Tea biex isajjar id-droga fihom.

**Xhieda ta' David Zammit**

Wara ħafna differimenti dan ix-xhud deher fit-3 t'April, 2006. Huwa beda jgħid li ma kienx jiftakar x'ġara għax kienu għaddew sitt snin. Imbagħad qal li kellu ftit eroina merfugħa.Huwa qal li kein ħadha hu u waqa' overdose. Huwa qal li kein qasam pakkett ma' Anthony Abela – l-imputat. (Fol.93). Huwa qal li kien xtraha minn għand l-imputat. (Fol93). Hawn il-Qorti nterveniet direttament u staqsiet:

***'Qorti: Żgur jiġifieri?***

***Xhud: Iva ehe. U kont ħadtha u waqajt overdose.'***

Il-Qorti fakkret lix-xhud li kien għamel stqarrija bil-ġurament. L-imputat ftakar (fol.94) u l-Prosekuzzjoni qratlu l-istqarrija li kien għamel.

Il-Qorti staqsiet lix-xhud jekk kienx jikkonferma dik l-istqarrija li kien għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u hu ikkonfermaha. (Fol.96).

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kien jiltaqa' man-nies imsemmija fl-istqarrija biex dawn jixtru minn għand it-traffikant. Huwa kien jiltaqa' magħhom u jmorru jixtru. Dak in-nhar kien sab lill-imputat. Huwa qal li l-imputat ma kienx ibiegħ droga.

**Xhieda Difiża**

Xehed l-imputat (fol.107). Huwa qal li l-Pulizija kienu sabulhom pakkett eroina li kien ġab David Zammit . L-imputat kien iltaqa' ma' David Zammit ġewwa Birkirkara ħdejn każin politiku. David Zammit kien qal lill-imputat li kien ser iġib pakkett l-għada. Huwa nnega li David Zammit kien qatt tah xi flus biex jixtrilu d-droga.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti wiżnet il-verżjonijiet mogħtija mill-imputat u mix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni David Zammit. David Zammit saħansitra kkonferma l-istqarrija tiegħu quddiem din il-Qorti kif preseduta u indika li kien xtara d-droga minn għand l-imputat. Il-verżjoni mogħtija minn fuq il-pedana tax-xhieda tirrispekkja dak li kien stqarr bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

Bir-rispett kollu l-Qorti ma ssibx il-verżjoni li ta l-imputat hija waħda attendibbli. Kien l-imputat li mar jipprokura d-droga għax-xhud imqar jekk minn din id-droga stess (li għaddiet fil-pussess ta' David Zammit) kien ħa wkoll l-imputat. Jekk wieħed jara d-definizzjoni sew taħt l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101, huwa biżżeejjed li wieħed jagħti tagħrif minn fejn persuna tista' takkwista d-droga biex

jitqies li qiegħed jittraffika. M’hemmx bżonn li wieħed jibqagħlu l-flus fil-but bħala profit biex wieħed ikun jittraffika. Għalhekk l-imputat ma jistax jinħeba wara l-iskuża li l-eroina kien ġabha x-xhud. Effettivament kien l-imputat li kien jaf is-sors minn fejn għandu jġib id-droga u jforniha lil David Zammit sabiex dan tal-aħħar seta’ jeħodha mal-imputat stess.

Fid-dawl ta’ dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fil-kawża ‘Il-Pulizija kontra Marco Galea’ dan il-każ ma jistax jitqies bħala wieħed li jaqa’ tħat il-proviso li kien introdott bl-Att XVI tas-sena 2006 kemm fil-Kap 31 kif ukoll fil-Kap 101. Ir-raġuni hija ċara: l-imputat mhux sempliċiment ħa minn dak li offrewlu. Iżda kien l-aġent attiv sabiex kienet ipprokurata d-droga. Mingħajr l-intervent tiegħu ma kienx ikun droga x’tittieħed u dan il-kumment jgħodd ukoll l-istess imputat seta’ jġib id-droga biss bil-flus li ta x-xhud.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

Il-pussess jirriżulta mill-fatt li l-imputat ħa d-droga max-xhud tal-Prosekuzzjoni. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni imputazzjoni. Biss din hija assorbita fl-ewwel waħda.

It-tielet imputazzjoni kienet ammessa mill-imputat u għalhekk din hija ippruvata skond il-Liġi. Iżda mill-provi jirriżulta li l-fatti jinkwadraw ruħhom aktar taħt l-artikolu 95 milli l-artikolu 96 tal-Kap 9 għaliex ma jirriżultax li l-imputat attakka jew irreżista bi vjolenza lill-Pulizija iżda li ħareġ bit-tornavit (allura hedded) meta dawn marru jħabbtu d-dar. Jirriżulta wkoll li wara li kien imwiddeb, l-imputat waddab t-tornavit fl-art kif kien intalab. F’dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti qed tqis li l-atti jinkwadraw taħt l-artikolu 95(2) tal-kap 9 liema subinċiż huwa kompriż u involut fl-artikolu 96 tal-Kap 9 u jġorr piena ta’ kontravenzjoni biss.

**Konklużjoni.**

**Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, ir-Raba' u s-Sitt Taqsima u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) kollha tal-Kap 101, u l-artikoli 17(b), 17(h) u 95(2) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda u bit-tielet imputazzjoni fil-livell ta' kontravenzjoni biss.**

**Il-Qorti qieset it-trapass taż-żmien peress li dan il-proċess imur lura għas-sena 2000, kif ukoll li ammetta t-tielet imputazzjoni, qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' sitt xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €500 liema multa tista' titħallas bir-rata ta' €50 kull xahar u bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------